MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1287/1991/1

**Anthony *sive* Tony Jones**

***Versus***

**It-Tabib Francis Pullicino u Alex Gingell f'isimhom proprju u fl-interess ta' *Clinipath Services*; u it-Tabib Joe Louis Grech għal kull interess li jista' jkollu; u b'dikriet tal-31 ta' Jannar 2000 l-atti ġew trasfużi f'isem Licia Grech armla tat-Tabib Joseph Louis Grech li miet waqt li kienet miexja l-kawża**

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab minħabba f'dik li jgħid illi kienet dijanjosi medika ħażina mill-konvenuti.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-1989 il-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, għamlu eżamijiiet fuq tessuti tat-tirojde ta' l-attur. Ir-rapporti maħruġa mill-konvenuti wrew li kien hemm sinjali ta' *follicular carciroma* u minħabba f'hekk l-attur kellu jiġi operat. Analiżi u eżamijiet istoloġiċi

magħmula barra minn Malta, iżda, stabbilew illi ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' *carcinoma*.

Iċ-ċitazzjoni tkompli tgħid illi, minħabba "l-operat żbaljat, inkompetenti u negliġenti" tal-konvenuti, l-attur ġarrab danni, kemm fiżiċi u kemm psikoloġiċi, u saħansitra kellu wkoll jitlaq mill-impjieg. Għal dawn id-danni jaħtu l-konvenuti, jew solidalment jew kull wieħed għalih. L-attur għalhekk feta ħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti flimkien jew kull wieħed għalih kienu negliġenti fl-eżamijiet u r-riżultati kliniċi li għamlu fuq tessuti tat-tirojde ta' l-attur u minħabba f'hekk għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur;
2. tillikwida dawn id-danni; u
3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ ittri uffiċjali u sitt ittri legali.

Il-konvenut Tabib Joseph Louis Grech ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-eċċipjent, għax l-attur ma marx isib lill-eċċipjent biex iqabbad lilu personalment iżda qabbad lil *Clinipath Services* biex tagħmel l-analiżi;
2. l-eċċipjent fil-kors normali tax-xogħol tiegħu bis-saħħa ta' ftehim ta' impjieg bejnu u *Clinipath Services* għamel analiżi istoloġika tat-tessuti tat-tirojde ta' l-attur, u din l-analiżi għamilha bir-reqqa kollha għax l-interpretazzjoni f'din il-materja hija ħaġa diffiċli ħafna; il-fatt illi l-interpretazzjoni taħt mikroskopju magħmula mill-eċċipjent irriżultat, wara eżami minn professjonisti barranin, li ma kinitx preċiża ma jfisssirx illi kien hemm xi traskuraġni mill-eċċipjent fl-analiżi li hu għamel;
3. l-eċċipjent la wera inkompetenza u lanqas negliġenza, iżda *se mai* kien hemm biss *culpa levissima* li ma hijiex biżżejjed, skond il-ġurisprudenza ta' pajjiżna, biex tifta' responsabbiltà ċivili għal danni fuq professjonista;
4. ma hemmx dak li trid il-liġi fl-art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili biex ikun hemm kundanna tal-konvenuti *in solidum* bejniethom.

Il-konvenut Tabib Francis Pullicino ressaq dawn l-eċċezzjonijiet fl-interess tal-konvenuta *Clinipath Services*:

1. il-konvenuta *Clinipath Services* ma hijiex persuna ġuridika iżda isem kummerċjali li taħtu jingħataw servizzi

professjonali li għalihom huma responsabbli l-professjonisti li jkunu taw is-servizz tagħhom; għalhekk il-konvenut kif imħarrek ma għandux *locus standi* fi proċeduri ġudizzjarji u għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. il-ġudizzju ma huwiex integru għax it-Tabib Francis Pullicino ma huwiex waħdu s-sid tan-negozju mħarrek taħt l-isem *Clinipath Services*;

3. l-eċċipjent ma għandux relazzjoni ġuridika ma' l-attur, la diretta u lanqas indiretta, u lanqas ma kellu x'jaqsam mal-konvenut l-ieħor Tabib Joseph Louis Grech fl-eżami ta' l-attur, u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

4. l-azzjoni ta' danni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

5. l-eċċipjent għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju wkoll għax fiċ-ċitazzjoni ma jingħad xejn dwar ir-raġuni għaliex l-eċċipjent ġie mħarrek, kif irid l-art. 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

6. ma kienx l-eċċipjent li għamel l-eżamijiet li l-attur igħid illi kienu difettużi;

7. trid issir prova illi l-eżamijiet li saru Malta tassew kienu difettużi; u

8. l-eżamijiet saru kollha bl-akbar responsabbiltà u serjetà kif iridu l-professjoni u l-esiġenzi tal-każ, u l-professjonalità li biha saru ma tistex titqies negliġenti.

L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' *Clinipath Services* kienu rtirati mill-eċċipjent fl-14 t'April 1992.

B'dikriet tal-31 ta' Jannar 1992 inħatar perit legali, u dan ġie mibdul b'perit legali ieħor b'dikriet tas-26 t'Ottubru 1992. Dan it-tieni perit ukoll ġie mibdul b'dikriet ieħor tat-12 ta' Novembru 1996. B'dikriet ieħor tat-13 t'Ottubru 2000 inħatar ukoll espert mediku. Il-perit mediku ħalef ir-rapport tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2006, u l-perit legali ħalef ir-rapport tiegħu fil-5 ta' Lulju 2006.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

L-attur kellu problemi ta' saħħa u għalhekk mar jieħu parir mingħand kirurgu. Il-kirurgu sab illi l-attur kellu "*a hard enlarged right lobe of the thyroid gland*" u kien tal-fehma li kellu jsir intervent fuq l-attur biex titneħħa parti mill-glandola. Fl-20 ta' Settembru 1989 saret "*a subtotal lobectomy of the right lobe of the thyroid gland*". Billi l-

kirkugu kien tal-fehma li kien jeħtieġ eżami istoloġiku tat-tessuti mneħħija, f'isem l-attur qabbad lid-ditta konvenuta *Clinipath Services*, li kellha laboratorju fejn isiru eżamijiet bħal dan, biex tagħmel l-eżami fil-laboratorju tagħha, u dan l-eżemi, bis-saħħa ta' arranġament intern bejn *Clinipath Services* u l-konvenut Tabib Joseph Louis Grech, sar mill-konvenut Tabib Grech. Dan ħareġ rapport fit-23 ta' Settembru 1989 li jgħid hekk:
Received on 22. 9. 89 - The right lobe of thyroid with a smooth surface, 6 × 4 × 3.5 cm. Section shows pale thyroid tissue that is generally compact and arranged in several nodules defined by a thin capsule. The more central areas contain glistening colloid.
Histology - Sections show a moderately differentiated follicular carcinoma with only a very mild trabecular pattern. It is composed of follicles of various sizes and combinations of follicles and cords. The nuclei are compact and this cytoplasm is oxyphilic. In some areas there is a lymphoid infiltrate that in places is complete with germinal centres.
The section from the lower pole also shows areas presenting the above features but it is more extensively dominated by the lymphoid follicles and by the formation of thicker fibrous septa consistent with lymphocytic thyroiditis (Hashimoto's). There is evidence of capsular but not of vascular invasion.
Id-djanjosi ta' *follicular carcinoma* wassal lill-kirurgu għall-konklużjoni illi l-glandola kellha titneħħa għalkollox, u sar intervent għalhekk. Il-kirurgu jgħid illi l-intervent sar fil-31 t'Ottubru 1989, iżda jidher illi sar qabel dik id-data għax fis-6 t'Ottubru 1989 it-tessuti reġgħu ntbagħtu lill-konvenuti għall-eżami u fis-7 t'Ottubru 1989 il-konvenut Tabib Grech ħareġ dan ir-rapport.
Received on 6. 10. 89 - Remnant of thyroid consisting of irregular brown thyroid tissue 4 × 2 × 1.5 cm. Section shows firm compact grey tissue with some dark brown areas.
Histology - A whole longitudinal section of the specimen was examined.
The features are mainly those previously reported … … … But there is less differentiation of the follicular carcinoma. There are also large and confluent lymphoid

follicles. The capsule is considerably thickened in places by collagenised fibrous tissue and is invaded by tumour in several areas. Some of the residual normal thyroid acini are enlarged and tend to be mildly cystic.
Vascular invasion cannot confidently be detected, but it cannot be excluded.
Sabiex ikun jista' jiddetermina x'kura ulterjuri kienet meħtieġa l-kirurgu kien tal-fehma illi jsiru eżamijiet oħrajn barra minn Malta, u għalhekk it-tessuti li fuqhom kienu saru l-eżamijiet għand il-konvenuti ntbagħtu l-Ingilterra. Il-patologu fl-Ingilterra fis-26 ta' Novembru 1989 ħareġ rapport li jgħid hekk:
Sections show severe and extensive AUTOIMMUNE THYROIDITIS with numerous lymphoid germinal centres, in keeping with Hashimoto's disease, in a thyroid with a background nodularity. Follicular epithelial cells show widespread oxyphil (oncycytic, Askanazi cell) change, but no follicular carcinoma can be identified. … … …
Il-konklużjoni tal-kirurgu ingliż fuq dan ir-rapport kienet illi "*There is no evidence whatsoever on any of the tissue that we have looked at that* [Mr Jones] *has cancer of the thyroid*".
Reġa' sar eżami fuq l-istess tessuti minn patologu ieħor fis-6 ta' Frar 1990 u dan irrapporta hekk:
Three sections of multinodular thyroid tissue showing an intense lymphocytic thyroiditis with focal fibrosis and scarring. No capsular or vascular invasion is seen in these sections and there is nothing in the material provided to establish a diagnosis of follicular carcinoma of the thyroid.
Il-konklużjoni finali tal-kirurgu li miegħu ikkonsulta l-attur fl-Ingilterra kienet illi "*the histology from* [*the*] *thyroid is totally benign*". Kompla jgħid illi "*Surprisingly, it can be most difficult to tell a benign thyroid swelling from a malignant one … … …*".
L-attur issa qiegħed igħid illi, minħabba d-djanjosi ħażina tal-konvenut Tabib Grech, it-tirojde tneħħietlu għalxejn, għax, kif xehed il-kirurgu li għamel l-intervent, "*this was not treatment for Hashimoto's disease* [il-marda li fil-fatt kellu l-attur]; … … … *the total thyroidectomy was carried*

*out because of the malignancy reported*"[1]. Għalhekk saret il-kawża.

Nibdew billi nqisu l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi ma humiex kontradditturi leġittimi għax ma għandhomx relazzjoni ġuridika ma' l-attur, u nibdew bl-eċċezzjoni tal-konvenuti taħt id-ditta *Clinipath Services*.

Qabel xejn għandu jingħad illi *Clinipath Services* ma hijiex persuna legali iżda biss ditta jew isem li biha l-konvenuti Tabib Francis Pullicino u Alex Gingell jagħtu servizz ta' laboratorju. Għalhekk il-konvenuti tassew huma l-istess Tabib Francis Pullicino u Alex Gingell, u kull referenza għal din id-ditta hija effettivament referenza għal dawn iż-żewġ konvenuti.

Dwar din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika l-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li sab li hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u *Clinipath Services* għax il-kirurgu li opera fuq l-attur f'ismu qabbad lil *Clinipath Services* biex tagħmel l-analiżi istoloġika u meta *Clinipath Services* aċċettat dan l-inkarigu sar kuntratt bejn il-partijiet. Sewwa wkoll qal il-perit legal illi l-organizzazzjoni interna ta' *Clinipath Services* u l-ftehim li kellha mal-konvenut l-ieħor Tabib Grech li bis-saħħa tiegħu l-eżami effettivament sar minn dan ta' l-aħħar huwa *res inter alios acta* għall-attur u ma jibdlu xejn mir-relazzjoni kuntrattwali li nħolqot bejnu u *Clinipath Services*.

L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva mressqa minn *Clinipath Services* hija għalhekk miċħuda.

Kif tajjeb ukoll qal il-perit legali, il-fatt illi r-relazzjoni bejn l-attur u *Clinipath Services* kienet waħda kuntrattwali jwassal biex ma tkunx tista' tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' dik il-konvenuta mibnija fuq l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, li tolqot l-azzjoni għal danni *ex delicto* u mhux dik għal danni *ex contractu.*

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 hija għalhekk miċħuda.

Hija wkoll miċħuda l-eċċezzjoni li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għax ma fihiex tifsira tar-raġuni għat-talba kontra *Clinipath Services*, kif kien irid l-art. 156(1) tal-Kodiċi ta'

[1] Xiehda tal-Kirurgu Joseph Attard fis-seduta tad-9 ta' Frar 2001 quddiem il-periti ġudizzjarji.

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-fatt iċ-ċitazzjoni tgħid illi "l-konvenuti … … … ikkonduċew testijiet fuq tessuti tat-tirojde ta' l-attur", u l-fatt li l-eżamijiet materjalment saru mill-konvenut Tabib Grech ma jfissirx illi, fir-relazzjoni kuntrattwali bejn *Clinipath Services* u l-attur, l-eżamijiet ma jitqisux li saru minn *Clinipath Services*.

Il-konvenut Tabib Grech ukoll ressaq l-eċċezzjoni illi ma hemmx relazzjoni ġuridika bejnu u l-attur għax l-attur qabbad mhux lilu iżda lil *Clinipath Services*.

Tassew li ma hemmx relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u l-konvenut Tabib Grech, iżda dan ma jfissirx illi ma hemmx relazzjoni ġuridika, għax, kif igħid l-art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili, "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu" u jekk tassew lill-attur saritlu ħsara li ġrat bi ħtija ta' dan il-konvenut – bla ħsara, naturalment, f'dan l-istadju, għall-kwistjoni jekk kienx hemm dik il-ħtija – il-konvenut għandu jwieġeb għal din il-ħsara.

Il-qorti taqbel ukoll mal-fehma tal-perit legali illi ma hemm xejn xi jżomm milli l-istess azzjoni għal danni minħabba ħsara mill-istess fatt issir fl-istess ħin kontra konvenuti marbuta ma' l-attur minn relazzjoni kuntrattwali u kontra konvenut ieħor li hu msejjaħ biex iwieġeb għal danni *ex delicto*. Madankollu, hija tajba l-eċċezzjoni li ma jistax ikun hemm solidarjetà passiva taħt l-art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili ladarba mhux il-konvenuti kollha huma mħarrka biex iwieġbu għal danni *ex delicto*.

Ngħaddu issa għall-meritu tal-kawża, li huwa jekk kienx hemm nuqqas li jwieġbu għalih il-konvenuti li għamel ħsara lill-attur.

Il-mistoqsijiet li jeħtieġu tweġiba essenzjalment huma dawn: 1. kien hemm djanjosi ħażina? 2. kien hemm ħtija sal-grad li jwassal għal responsabbiltà ċivili? u 3. id-djanjosi għamlet ħsara lill-attur?

Ma hemmx dubju illi d-djanjosi kienet ħażina u li l-attur ġarrab ħsara minħabba f'hekk. It-tneħħija tat-tirojde ma kinitx meħtieġa biex tiddewwa l-marda li tassew kellu l-attur, u tneħħiet għax ir-rapport maħruġ mill-konvenuti wassal lill-kirurgu għall-konklużjoni ħażina li kienet meħtieġa t-tneħħija tal-glandola sħiħa.

Il-kwistjoni ewlenija għalhekk hija jekk kienx hemm nuqqas tal-konvenuti fis-servizz professjonali li taw lill-

attur li jwassal biex dawn iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur minħabba d-djanjosi ħażina.

Dwar responsabbiltà ta' professjonista, Giorgi (*Delle Obbligazioni*, Vol. V, para. 155, p 252), ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza mogħtija fit-2 t'April 1951 *in re* Victor Savona *proprio et nomine versus* Dr Peter Asphar *et*, kien qal hekk:

Non può annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioè che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacità di chi la esercita. … … … È scusabile soltanto quella fallibilità che è conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti.

Dan il-kriterju huwa aktar oġġettiv u kompatibbli mal-liġi minn dak ta' l-iżball grossolan li wkoll jissemma fil-ġurisprudenza[2], li donnu jrid biex ikun hemm responsabbiltà ta' professjonist livell ta' ħtija ogħla minn dak tal-*culpa levis in abstracto* li trid il-liġi.

L-espert mediku fir-relazzjoni tiegħu qal hekk:

… … … The diagnosis issued on microscopic examination is one based on clinical information given to the pathologist at the time – crucial evidence that should always be given to the pathologist – and on the pathologist assessing the features on the slide, an exercise that is borne out of knowledge and application of diagnostic parameters and experience. … … …

Histopathology by its very nature is a difficult speciality because of the large numbers of diagnostic entities, the variability seen between one same diagnosis and another and because of the application of a confusing array of diagnostic criteria that are both evidence based and empirical. … … …

In this particular case Dr J.L. Grech expressed an opinion of malignancy, specifically Follicular Carcinoma, on the case in question. In my opinion the diagnosis is one of benign disease, an opinion also expressed by two British Pathologists, … … … It can therefore be assumed that the correct diagnosis in this case is one of a benign and not a malignant nature. The reason therefore why Dr J.L. Grech presumably made an error of judgement is of

---

2 Ara *e.g.* Josephine Borg *et versus* Dr Anthony Fiorini, P.A. 18 ta' Lulju 1994.

course difficult to surmise especially as one is not in a position to discuss the case with him and to ask why he entertained such a diagnosis.  There may be a number of possible reasons. Hashimoto's thyroiditis can present a nodular appearance on gross examination and occasionally a dominant whitish nodule may give the impression that one is dealing with a case of malignancy. Unfortunately, when one comes to examine the case under the microscope, sometimes one is already biased as to the expected findings and this can cloud the Pathologist's judgement.
In this particular case, on microscopic examination, the distortion of the normal thyroid follicles accompanied by the presence of some irregular fibrosis and some atypia of the follicle cells may have led to a diagnosis of malignancy.  However one can only speculate and the true reason can never be known.
The other major reason for error could well have been a lack of clinical information.  There is no mention in the transcripts of any tests carried out before surgery.
It should perhaps be mentioned at this point that a recent study showed that the most common errors by histopathologists result as a consequence of incomplete or incorrect clinical information provided to the pathologist, a situation that may be applicable here.
It should perhaps be mentioned at this point that a recent study showed that the most common errors by histopathologists result as a consequence of incomplete or incorrect clinical information provided to the pathologist, a situation that may be applicable here.
In this particular case, I would expect a competent well trained histopathologist to make a correct diagnosis most of the time although I cannot say for certainty that he/she would make it all of the time because errors of judgement can happen for a multitude of reasons, as previously explained. A mistaken diagnosis does not necessarily, indeed uncommonly, equate to one of negligence, which is defined as a lack of proper care and attention. Rather, one can give the proper care and attention that each case deserves and still make an error of judgement.
I have already mentioned training and competence. Training in Histopathology has changed dramatically over

the last 15 years. There have been refinements in diagnosis and standards of reporting have risen dramatically. There are several branches of Pathology apart from Histopathology, such as Haematology, Microbiology, Virology, Chemical Pathology, Immunology and Forensic Pathology. Over the last few years specialisation has been such that a prospective Pathologist studies only one of these aforementioned fields without delving whatsoever into any of the other branches. This has come about because of the great advances in the subjects and the incredible vastness of each branch of Pathology. Not only that, branches such as Virology and Immunology were not even treated separately until about 20 years ago. The College of Pathologists (UK) is in fact a young college, which was established in 1964, long after other colleges such as those of Medicine and Surgery were established. In fact Dr Grech was a founder member of the Royal College of Pathologists.

Dr Joe Louis Grech belonged to the old school of Pathology where one studied all the branches of Pathology and was not a pure expert in one particular field. The classical “Jack of all trades and Master of none” is easily applicable here. Moreover Dr Grech’s area of interest was Forensic Pathology and Chemical Pathology although he was sufficiently knowledgeable in the other branches. However it was not possible for him to have been an expert in Histopathology to the kind of level that is required today. This would have had an impact on his diagnostic skills in Histopathology and the problems that I discussed previously would have been compounded.

It is, of course, precisely for this reason that the Colleges around the world have had to completely revamp their training to produce experts of high calibre in their respective fields with [consequent] increase in the standards acceptable in our times.

Fully trained histopathologists only started returning to Malta in 1990 and Dr Grech was not in a position to discuss or refer cases, in the private sector, to any fellow histopathologists.

Meta wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu għall-eskussjoni l-espert mediku kompla jfisser illi minn eżami ta’ l-istess

*slides* ta’ tessuti li fuqhom kien ħadem il-konvenut seta’ jasal għad-djanjosi tiegħu li “għal min hu espert [kienet] *fairly straightforward*”. Dwar il-“*crucial clinical evidence*” li semma fir-rapport tiegħu, l-espert qal illi l-patologu għandu jitlob din l-informazzjoni biex jista’ jasal għall-konklużjoni tiegħu. Qal ukoll illi setgħu saru eżamijiet oħra, fosthom tad-demm, biex jikkonfermaw id-djanjosi.

Il-kwistjoni issa hija din: l-iżball sar għax ix-xjenza ta’ l-eżamijiet istoloġiċi kienet, fiż-żmien relevanti, inċerta u impreċiża, u tħalli wisa’ għal konklużjonijiet ħżiena wkoll minn min dawn l-eżamijiet jagħmilhom kif iridu l-art u s-sengħa, jew sar għax min għamel l-eżami ma kienx tassew aġġornat f’dak il-qasam u għalhekk ma kienx imissu ippreżenta ruħu bħala wieħed li jista’ jagħti dak is-servizz?

Fil-fehma tal-qorti, il-konvenut Tabib Grech ippreżenta ruħu bħala speċjalista fil-qasam ta’ l-eżamijiet istoloġiċi u l-konvenuti l-oħrajn offrew dan is-servizz speċjalizzat mil-laboratorju tagħhom meta fil-fatt, meta tqis il-livell li laħqet dik ix-xjenza partikolari fiż-żmien relevanti, ma kinux f’pożizzjoni li jagħmlu hekk.

Dan ma hux każ fejn l-ineżattezza tax-xjenza tħalli wisa’ għal żball ukoll fejn dak li jkun jimxi f’kollox *secundum artem*, għax kif qal l-espert mediku, “*In this particular case, I would expect a competent well trained histopathologist to make a correct diagnosis most of the time*”, waqt illi l-konvenut għamel l-istess żball darbtejn u patoloġisti oħrajn, meta eżaminaw l-istess tessuti, ma kellhomx dubju li d-djanjosi kellha tkun oħra. Dan, kif qal l-espert mediku, kien għax il-konvenut ma kellux it-tagħrif speċjalizzat li ġà fiż-żmien relevanti kien magħruf bħala essenzjali għal min irid jagħti servizz professjonali speċjalizzat bħal dak li kienu joffru l-konvenuti.

Il-konvenut naqas ukoll illi ma kisibx mingħand il-kirurgu l-informazzjoni klinika “kruċjali” u ma għamilx ukoll l-eżamijiet ulterjuri msemmija mill-espert mediku. Aktar u aktar kien imissu jagħmel hekk meta kien jaf li djanjosi bħal dik li għamel hu kienet twassal għal intervent drastiku bħal dak li sar fuq l-attur għat-tneħħija tal-glandola kollha.

Lanqas ma jistgħu l-konvenuti jeħilsu mir-responsabbiltà billi jgħidu illi f’Malta dak iż-żmien ma kienx hemm speċjalisti f’dak il-qasam. Jekk ma kienx hemm speċjalisti

kwalifikati biżżejjed skond il-kriterji taż-żmien relevanti, mela ma kienx hemm speċjalisti kwalifikati, u min ma kienx speċjalista kwalifikat ma setax jippreżenta ruħu bħala tali. Kien hemm il-possibbiltà, li fil-fatt inqeda biha l-attur għalkemm meta kien tard wisq, illi t-tessuti jintbagħtu għall-eżami barra minn Malta.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenuti, minħabba nuqqas tagħhom, jaħtu għall-ħsara li ġarrab l-attur.

L-espert mediku kompla fisser illi xi konsegwenzi dannużi għall-attur seħħew għax fl-intervent tneħħew ukoll il-*parathyroid glands*. Din kienet konsegwenza tal-mod kif tmexxa l-intervent u mhux tad-djanjosi tal-konvenuti. Qal ukoll illi, bil-kondizzjoni li tassew kellu l-attur, it-tirojde xorta ma kinitx taħdem sew u x'aktarx illi xi wħud mill-konsegwenzi tat-tneħħija tagħha, jekk mhux kollha, xorta kien ibatihom bil-kondizzjoni li kellu u xorta kien ikun jeħtieġ il-*hormone replacement therapy* li qiegħed jieħu issa minħabba t-tneħħija tal-glandola. Huwa fatt ukoll illi parti mill-glandola kienet ġà tneħħiet qabel ma sar l-eżami mill-konvenuti – fil-fatt dak l-eżami sar fuq tessuti meħuda mill-parti li tneħħiet – u għalhekk l-ewwel intervent ma kienx konsegwenza tad-djanjosi magħmula mill-konvenuti. Dawn huma kollha fatturi li jnaqqsu r-responsabbiltà tal-konvenuti.

Wara li qieset dan kollu, il-qorti hija tal-fehma li l-konvenuti flimkien għandhom iwieġbu għal nofs id-danni li ġarrab l-attur, u li din ir-responsabbiltà bejniethom għandha tinqasam hekk: il-konvenut Tabib Grech (jew is-suċċessuri tiegħu) iwieġeb għal nofs (*i.e.* in-nofs tan-nofs ta' l-intier) u l-konvenuti taħt id-ditta *Clinipath Services* iwieġbu għan-nofs l-ieħor.

Tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni.

Provvediment dwar l-ispejjeż jingħata fis-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------